MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 1726/1996/1

**Peter Fenech bhala prokuratur tal-imsiefra Nazzarena Zarb; Gesuarda Hopkins, Victoria Greenway, Annunziata Peters, Robert, Alfred u John ilkoll ahwa Sciberras ulied il-mejjet Angelo Sciberras, Doris Bonnici bhala prokuratrici tal-imsiefra Emanuela Galea; Emanuel, Joseph, George, Lonza, Mary Mifsud, Alfred, Francis, Mario, Antoinette u Rita lkoll ahwa Mallia wlied il-mejta Giuseppa Mallia nee Sciberras**

**vs**

**Josephine Zerafa, Mananni Zarb, Annunziata Fenech proprio u f'isem l-imsiefra Carmela Sciberras ilkoll ahwa Sciberras ulied il-mejjet Giomaria Sciberras**

**Il-Qorti**

## Preliminari

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi:

Peress illi l-kontendenti kollha huma ko-proprjetarji f'ishma`diversi ta' porzjon ta' art ta' cirka sebghin tomna mlaqqma 'Ta' Zannar' fl-inhawi Ta' L-Ghallies limiti tal-Gharghur/ Bahar ic-Caghaq, liema art tinsab delineata fuq il-pjanta hawn annessa Dokument A u liema art ippreveniet ghandhom mill-wirt ta' Bartolomeo Sciberras li miet fit-30 ta' Marzu 1958 u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt is-smigh ta' din il-kawza;

Billi l-atturi ma jridux jibqghu fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti;

Billi l-istess konvenuti gew inutilment interpellati sabiex jersqu ghad-divizjoni tal-imsemmija art;

Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tistabbilixxi u tillikwida l-ishma relattivi tal-kontendenti kollha fuq l-imsemmija porzjon ta' art;

2. Taqsam l-istess art skond l-ishma kif fuq likwidati jekk ikun il-kaz permezz ta' periti nominandi;

3. Tordna li ssir id-divizjoni tal-istess art bejn il-kontendenti skond il-qasma kif fuq maghmula;

4. Tinnomina Nutar Pubbliku biex jippubblika l-kuntratt ta' divizjoni relattiv taht l-awtorita' tal-istess Qorti u kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumacja tal-kontendenti u dan fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din l-istess Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa qed jigu ngunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat Id-Dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 10 tal-process fejn eccepew:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom stante li ma hemm ebda porzjon ta’ art di proprjeta’ komuni tal-kontendenti u ghalhekk mhuwiex il-kaz li ssir xi divizjoni kif pretiz mill-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat id-degrieti li bihom gew nominati l-Perit Fredrick Doublet u l-Avukat Dottor Mark Chetcuti;
Rat ir-relazzjonijiet ta’ l-istess periti nominati;
Semghet lill perit legali in eskuzzjoni;
Rat in-noti tal-partijiet;

**Kawza u eccezzjoni**

Illi dina l-kawza l-atturi qed jallegaw li huma kopropretarji mal-konvenuti ta’ art “Ta’ Zannar” fl-inhawi ta’ l-Ghallis li kienet tappartjeni lill antenat taghhom Bartolomeo Sciberras u talbu li l-Qorti tistabillixxi l-ishma tal-kontendenti u taqsam l-art skond l-ishma.

Il-konvenuti wiegbu li ma hemm ebd art kommuni bejn il-kontendenti x’tinqasam.

**Relazzjoni perit tekniku.**

Kien gie nominat perit tekniku minn dina l-Qorti biex jikkostata d-delineazzjoni ta’ l-art in kwistjoni in vista tat-

talba ta' l-atturi li l-art tinqasam skond l-ishma relattivi tal-kontendenti. Mill-provi li semgha l-perit irrizultalu li l-art kellha tinqasam biss bejn il-konvenuti li jfisser li l-atturi ma kellhomx jedd fuq dina l-art. Dwar il-materja legali dwar jekk l-atturi kellhomx xi drittijiet derivanti mit-titolu li kellu Bartolomeo Sciberras, il-perit halla dina l-kwistjoni f'idejn il-Qorti.

**Relazzjoni perit legali.**

Il-Perit legali nominat fuq talba tal-partijiet, ezamina l-provi prodotti migbura mill-perit tekniku u mill-Qorti u wasal ghall-konkluzzjoni li l-atturi ma gabu ebda prova konvincenti li fil-fatt Bartolomeo Sciberras kien sid l-art u li per via ta' successjoni huma wirtu dina l-art.

Skond il-perit legali l-fatti wrew li l-atturi lanqas resqu vicin li jippruvaw titolu ta' proprejta' , anzi x-xiehda mressqa turi li l-art in kwistjoni kienet tappartjeni lill Knisja u li Bartolomeo Sciberras kien biss il-gabilott u hekk dawk kollha li gew registrati warajh minn Giomaria jew Jimmy Sciberras il quddiem. Hu jghid li min jiddetjeni titolu ta' qbiela ma jista' qatt jivvanta titolu ta' proprejta' permezz ta' usucapione. F'azzjoni rivendikatorja l-atturi jridu jippruvaw id-dominju ossija l-proprejta' fihom tal-haga li jridu jirrivendikaw, u jekk il-Qorti ma tkunx sodisfatta mid-dritt tal-konvenuti hi ghandha tillibera jekk ir-rivendikant ma jaghtix prova tad-dominju tieghu li tkun ezenti mill-anqas dubbju.

**Kontestazzjoni**

L-atturi kkontestaw il-konkuzzjoni tal-perit legali u ghamlu l-eskuzzjoni tieghu kemm permezz ta' domandi bil-miktub kif ukoll permezz ta' domandi orali fit-tul.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi ghalkemm l-atturi donnhom qed jitfghu xi dubbju dwar liema art il-partijiet qed jitkellmu, jirrizulta car li l-art in kontestazzjoni hija l-istess wahda indikata fil-pjanti ezibti (a fol 5 u RB000174A fol 185). Dwar dina l-ghalqa, il-

konvenuti jghidu li l-parti indikata bl-orangjo hija taghhom permezz ta’ kuntratti ta’ donazzjoni u fuq il-parti mmarkata bil-blu huma jhallsu qbiela. L-atturi xehdu li huma kienu jiffrekwentaw dina l-art  u l-glied inqala appuntu fuqha billi l-konvenuti ma jridux li din tinqasam.

Fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom l-atturi donnhom issa qed jillimitaw il-pretenzjoni taghhom ghall-parti bil-blu u qed jikkontendu li ma ngabitx prova li l-qbiela li l-konvenuti qed ighidu li qed ihallsu, hija fuq l-art immarkata bil-blu.

Apparti l-ircevuti li gew ezibiti u dak li wiegeb il-perit legali fuq ix-xiehda ta’  Farrugia u Demartino, il-Qorti tirrileva li l-atturi fic-citazzjoni ma ppremettewx li huma ghandhom xi qbiela in kommun mal-konvenuti  imma li huma kopropretarji mal-konvenuti ta’ l-art kollha. Fil-fatt pero’ huma ma gabux prova li l-art in kwisjoni (kemm dik bl-orangjo kif ukoll bil-blu) hija komuni bejn il-kontendenti.

Il-Perit legali jghid li l-atturi bil-provi li gabu ma rnexxilhomx jipppruvaw li huma sidien ta’ dika l-art u rrizulta minflok li l-antenat taghhom kien biss il-gabilott u mhux sid l-art. Il-Perit ma dahalx fil-kwistjoni jekk l-art hiex tal-konvenuti billi fl-eccezzjoni taghhom il-konvenuti qed ighidu biss li l-art mhiex ta’ l-atturi. Il-konvenuti m’ghandhom bzonn jippruvaw xejn. Ghalhekk ma tidholx il-kwistjoni dwar min minn l-atturi jew il-konvenuti ghandhu l-ahjar titolu. F’dan il-kaz l-atturi ma’ ppruvawx id-dominju fuq l-art kontestata.

Hu risaput fid-dottrina illi azzjoni ta’ din ix-xorta tirrikjedi da parti tal-proponent taghha l-prova dijabolika fis-sens illi l-attur irid jipprova lil hinn minn kull dubbju illi huwa kien il-proprjetarju ta’ l-immobbli li kien qieghed jirrivendika. Minn naha tieghu l-konvenut ma kien jehtiglu javanza l-ebda difiza u ma kien jehtiglu jipprova l-ebda titolu fuq l-art fil-pussess tieghu sakemm l-attur ma jkunx ipprova li hu kien il-proprjetarju. Haga li l-atturi m’ghamlux. (Ara sentenzi Vol. XXIX.ii.488; Vol. XLI.i.569; Vol. XLVII.i.75; u Vol.XXXV.ii.518).

L-istess jidher li kienet l-konkluzzjoni tal-perit tekniku meta dan iddelinja biss l-ishma  bejn il-konvenuti.

Il-Qorti, wara li ra ir-relazzjonijiet u ezaminat il-provi, taqbel mal-konkluzzjoni raggjunta mill-periti u ghalhekk tikkonkludi li t-talbiet attrici ma jistghux jintlaqu.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi;
Billi tichad it-talbiet attrici;
Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------